MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 2899/2002

**Forestals (Appliances) Limited**

**vs**

**General Supplies & Services Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Dicembru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u sebgha u sebghin lira Maltija (Lm477.00), rapprezentanti bilanc li fadal wara li s-socjeta` konvenuta xtrat merkanzija minghand is-socjeta` attrici u bdiet taghmel pagamenti akkont;**
**Illi nonostante nterpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti minghajr raguni valida fil-Ligi;**
**Ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija u cioe` mill-14 ta' Frar, 2002 sal-pagament effettiv.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Tanya Sammut ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u sebgha u sebghin lira Maltija (Lm477.00), bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Frar, 2002 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------